MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 214/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abela)**
**Vs**
**Salvatore Cristauro**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn l-ahhar xhur naqas li jessegwixxi ruhu mas-sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali fit-22 t'Ottubru, 1996, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998, meta gie ikkundannat hamsin Lira Maltin (LM50) multa w ordnat inehhi strutturi illegali li hemm fil-fond "Il-Mercato" sitwat fi Triq l-Ibragg, St. Andrews, propjeta jew amministrata minnu fi zmien**

**tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza taht penali ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fin-nuqqas.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 17(3) u 17(8) tal-Kap. 10 kif emendat bl-Att X tal-1998, sabet lill-imputat hati li naqas li jattempora ruhu mas-sentenza citata sal-15 ta' Marzu, 2005 u ghalhekk ikkundannatu ghll-hlas ta' zewg multi kif gej :
a) perjodu 1 ta' Novembru, 1998 sal-5 ta' Gunju, 1999 hamest elef, erba' mija w hamsa w ghoxrin lira Maltija (LM5425);
b) perjodu 6 ta' Gunju 1999 sal-15 ta' Marzu, 2005 tnejn u hamsin elf u seba mitt lira Maltija (LM52,700).

Ai termini tal-artikolu 17(8) tal-Kap. 10 kif emendat bl-Att X tal-1998, il-Qorti iddikjarat din il-multa bhala dejn civili li ghandha tithallas lid-Dipartiment tax-Xogholijiet jew is-successur tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi (1) tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett fil-ligi, (2) subordinatament u minghajr pregudizzju, tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjoni w kwindi tilliberah skond il-ligi, (3) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar gusta w ekwa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe':- 1. li l-atti tal-kawza huma nulli ghax il-komparixxi mhix originali u lanqas hija kopja awtentikata w lanqas ghandha firma, kif suppost ikollha, firma tal-Ispettur tal-Pulizija; 2. Li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta' Lulju, 1998 li giet prezentata kopja taghha giet awtentikata mill-Prokuratur Legali tal-MEPA Joe Catania w ghalhekk m'ghandhiex il-kwalita' bhala kopja ta' sentenza kif imiss ghax din trid tkun kopja mahruga mir-

Registratur tal-Qorti li tkun tat dik is-sentenza w li tkun attestata bil-firma tar-Registratur tal-istess Qorti. Inoltre trid tkun akkompanjata minn prova idonea li torbot fattwalment u legalment dik is-sentenza jew kopja taghha mall-persuna tal-imputat. Dan kollu jfisser li ma tezistix fil-process il-prova principali li b'xi mod kellha torbot lill-appellant mal-imputazzjoni kif dedotta; 3. Li mill-provi l-Qorti ma kellhiex issib htija ghax il-prosekuzzjoni kellha tressaq l-ahjar prova dwar is-segwenti fatturi :- a) l-allegament ta' l-atti kollha originali jew awtentikati tal-proceduri kontra l-appellant li ntemmu bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta' Lulju, 1998; b) prova permezz ta' perit indipendenti sabiex fil-mori tal-kawza jistabilixxi mil-lat tekniku l-istruttura kif effettivament hi u jekk l-istrutturi originarjament identifikati bhala illegali kienx ghadhom hemmhekk; 4. Li l-appellant gie mharrek hazin u l-Pulizija jmissha pprocediet ai termini ta' l-Att 1 tal-1992 u mhux taht il-ligi li fit-12 ta' Jannar 1993 ma kienux ghadhom jezistu bhala reat taht il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija . 5.Li is-sentenza appellata hija nulla abbazi tal-artikolu 382 tal-Kap.9, ghaliex gew indikati l-artikoli 17 (3) u (8) tal-Kap.10 li gew imhassara bl-Att 1 ta l-1992. 6. li l-multi nflitti mhumiex riflessjoni tal-principju ta' proporzjonalita' u ekwita' u jmorru kontra kull spirtu tal-gustizzja.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2005;**

**Rat id-dokumenti (ritratti) esebiti fl-istess seduta bil-permess tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-nota tal-appellant tat-12 t'Ottubru, 2005;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi huwa ovvju li la l-appellant qed jissottometti bhala wiehed mill-aggravji tieghu li s-sentenza appellata hija nulla ghax tippekka kontra d-dispost tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, li l-ewwel u qabel kollox irid jigi investit dan l-aggravju ghalkemm huwa l-ahhar wiehed indikat fir-rikors tal-appell.**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia" **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"** **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**"** **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**"** **[24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**"** **[14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] u ohrajn).**

**Illi l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"** **[3.2.1995]** "Il-Pulizija vs.Patrick Vella" **[3.11.2005] u ohrajn).**

**Ikkonsidrat;**

**Illi meta sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, l-Ewwel Qorti ccitat l-artikoli 17 (3) u 17(8) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendati bl-Att X ta' l-1988. Issa hu ovvju li dan l-artikolu m' ghadux jezisti fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap.10)**

**u ilu li gie mhassar mill-1992 (Att I tal-1992). Li anki l-Att X tal-1988 (Att Dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji) , Kap.322) invokat mill-Ewwel Qorti bhala li jemenda dan l-artikolu 17 gie ukoll imhassar bl-Att I ta' l-1992.**

**Illi mill-ezami tal-Att 1 tal-1992 u partikolarment l-artikolu 63 kif ukoll l-Iskedi annessi mieghu, din il-Qorti ma sabet ebda *saving clause* li tipperpetwa fis-sehh dan l-artikolu 17 tal-Kap.10.**

Illi l-proceduri odjerni bdew bic-citazzjoni mahruga fil-5 ta'Gunju,1999 (fol.1) u l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-15 ta'Lulju, 1999, ossia dejjem wara li kien dahal in vigore l-Att 1 tal-1992 u wara li gie abrogat l-artikolu 17 tal-Kap.10.

Illi l-procedura odjerna tidher li hija wahda li taqa' taht l-artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li :-

*"Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalu t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat jew, skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma ruhu mall-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan , izda f'ebda kaz aktar minn tlitt xhur mid-data tas-sentenza li jigi stabbilit mill-qorti; u, jekk min jaghmel ir-reat jonqos li jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit**<u>, hu jkun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati ammenda ta' mhux inqas minn zewg liri u mhux izjed minn ghaxar liri ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien."</u>*** (emfasi ta'din il-Qorti)

Ghalhekk jidher li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata minnflok ma ccitat dan l-artikolu, ccitat artikolu inezistenti u dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u fis-sens li tiddikjara s-sentenza appellata nulla u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju ta' xi doppio esame, qed terga' tibghat l-atti mill-gdid lill-Ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------